MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 617/2007

**Maltacom p.l.c. u b'digriet tat-28 ta` Novembru, 2007, isem is-socjeta` attrici gie korrett ghal Go p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**La Palma Imports Ltd D.I. Limited (C 20394)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta` Awissu, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici, s-somma ta' tmien mija u erbgha u tletin lira, disgha u disghin centezmu (Lm834.99), rapprezentanti valur ta` servizzi telefonici li jgibu n-numri 21494749, 21492412 u 21492413 kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok. IZY 1 sa Dok.
IZY 4.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici ghalkemm legalment notifikata b'dawn il-proceduri.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tad-dirigenti tas-socjeta` konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment, is-socjeta` konvenuta ma deheritx la fis-seduta tas-7 ta` Dicembru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokument ezebit ma` l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €1,945.00c (Euros) gia Lm834.99, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata ta` l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------